MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 103/1989/2

**Emanuel Mizzi**

**v.**

**Carmel Attard u b'digriet tal-24 ta' April 1990 intervjena fil-kawza 'in statu et terminis' John Formosa**
**bhala direttur u in rappreżentanza ta' Formosa & Camilleri Ltd.**
**u dawn bhala agenti ta' Guardian Royal Exchange plc**
**u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1992**
**Dr. Michael Caruana gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti**
**Carmel Attard u b'nota tat-30 ta' Ottubru 1992**

**Dr. Anton Refalo LL.D. assuma l-atti tal-kawza minflok Carmel Attard li jinsab imsiefer; u b'nota tas-27 ta' April 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited assumiet l-atti ta' din il-kawza**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza ta' l-attur u jirreferi ghal decizjoni moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-13 ta' Mejju 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili, liema decizjoni kienet tghid hekk,

"Rat ic-citazzjoni tal-attur fejn ippremetta illi:

"Fis-sitta ta' Gunju elf disa' mija u tmienja u tmenin (06.06.1988) ghall-habta tat-8.30pm waqt illi l-attur kien qed isuq motor scooter tal-marka 'Lambretta' bin-numru ta' registrazzjoni P-2579 fi Mgarr Raod, Victoria (fl-inhawi ta' Taflija Road) fid-direzzjoni ta' Victoria, Ghawdex, huwa kien involut f'incident stradali meta gie imtajjar minn vettura tal-marka 'Citroen' bin-numru ta' registrazzjoni J-8387 misjuqa mill-konvenut;

"Illi dan l-incident gara unikament minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

"Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni ingenti, konsistenti sew fi hsara fil-vettura misjuqa minnu u kif ukoll f'debilitazzjoni permanenti f'gismu li gia' kkagunat u ser tkompli tikkaguna danni u telf ta' qliegh;

"Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut qed jirrifjuta li jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minnu;

"TALAB ghaliex m'ghandhiex il-Qorti:

(1) tiddikjara illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur;

(2) tillikwida dawn id-danni;

(3) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

“Bl-ispejjez.

“Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha eccepixxa:

(1) illi huwa bl-ebda mod u manjiera ma huwa responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fic-citazzjoni, liema incident stradali gara unikament minhabba traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess attur, Emanuel Mizzi;

(2) salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat il-kontro talba tal-istess konvenut li fiha stqarr, illi:

“Huwa jrid jinqeda b’dina l-kawza biex jaghmel kontra-talba kontra l-attur, Emanuel Mizzi, fis-sens illi l-attur jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u dana peress illi l-attur kien jigwida l-lambretta tieghu (numru ta’ registrazzjoni P-2579) f’Mgarr Road, Victoria, Ghawdex, b’traskuragni grassa, b’manjiera perikoluza u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza u dana peress illi l-istess attur kien qieghed jiggwida l-lambretta tieghu bla dawl, bi speed eccessiv u minghajr l-attenzjoni kollha minnu rikjesta bir-rizultat li baqa’ diehel fil-vettura (numru ta’ registrazzjoni J-8384) tal-konvenut u kkaguna l-incident stradali in kwistjoni;

“Illi ghalhekk minhabba l-istess incident awtomobilistiku l-konvenut sofra hsarat ingenti fil-vettura tieghu kif ukoll kellu jikri vettura ghax-xoghol normali tieghu;

“TALAB ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) tiddikjara l-attur unikament responsabbli ghall-istess incident awtomobilistiku;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut fl-istess incident awtomobilistiku, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fi flus minfuqa f’kiri ta’ karozza ‘self drive’ ghax-xoghol normali tieghu;

(3) tikkundanna lill-istess attur li jhallas lill-konvenut id-danni kollha hekk sofferti u likwidati;

“Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi u bl-ingunzjoni ta’ l-istess attur.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-istess kontra-talba fejn eccepixxa:

(1) illi t-talbiet tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-incident oggett tal-kawza gara unikament htija tal-konvenut u l-attur b’ebda mod ma kkontribwixxa ghalih;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni annessa u l-lista tax-xhieda.

“Rat, folio 16, il-verbal ta’ din il-Qorti diversament preseduta fejn innominat lil Dr. Carmelo Galea bhala perit legali u lit-Tabib Kirurgu Fredrick Zammit Maempel bhala espert mediku;

“Rat, folio 23, ir-rikors tad-ditta assikuratrici Formosa & Camilleri Ltd. sabiex jintervjenu fil-kawza;

“Rat, folio 66, id-digriet tat-13 ta’ Ottubru 1992 fejn l-Avukat Dottor Michael Caruana gie mahtur kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Carmel Attad u (folio 67) in-nota tat-30 ta’ Ottubru 1992 li biha l-Avukat Dottor Anton Refalo assuma l-atti tal-kawza minflok Carmel Attard li kien imsiefer.

“Ezaminat ix-xhieda;

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

“Ikkunsidrat:

“Dina hi kawza li tirrigwarda incident stradali bejn mutur tat-tip lambretta misjuq mill-attur u vettura tal-marka Citroen misjuqa mill-konvenut. Il-kontendenti jakkollaw reciprokament ir-responsabilita’ ghall-incident li fih apparti hsarat allegatament sofferti fil-vetturi hemm d-disabilita’ li l-attur jallega li sofra konsegwenza tal-istess. Huwa fatt inkontestat li l-incident gara fi Triq Mgarr limiti ta’ Xewkija/Victoria f’dik il-parti fejn hemm, jew kien hemm, l-impjant tal-Malta Dairy Products, fejn Triq Taflija tghaqqad ma’ Triq Mgarr.  Jirrizulta li qabel is-sinistru s-sewwieqa kienu qed isuqu l-vetturi taghhom f’direzzjoni opposta ghal xulxin: l-attur isuq tul Triq Mgarr fid-direzzjoni ta’ Victoria u l-konvenut gej min-naha opposta intenzjonat li jidhol fi Triq Taflija. Huwa sinifikanti l-fatt li l-konvenut biex jimmanuvra l-vettura tieghu fl-imsemmija Triq it-Taflija kellu jaqsam il-kareggjata kollha li fiha kien qieghed jittransita l-attur.

“Illi ghal dak li hi responsabilita’ ghall-incident, m’hemm ebda dubbju f’mohh din il-Qorti, kif lanqas kellu l-abbli perit legali nominat, li t-tort huwa biss u esklusivament tal-konvenut. Il-qorti qeghdha f’dan il-kuntest taghmel ampja referenza ghar-relazzjoni tal-perit legali, folio 98 sa 103, senjatament is-sezzjoni intitolata “konsiderazzjonijiet dwar ir-responsabilita’ tal-incident de quo’ u l-gurisprudenza hemm citata u tadottaha in toto. Tosserva li hu wisq car li

l-incident ipprovokah il-konvenut minhabba nuqqas totali ta' "proper look out".

"Il-problematika tqum rigward il-likwidazzjoni tal-lukri cessanti u d-danni emergenti reklamati mill-attur. Issa dwar kif jitqiesu d-danni l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili jiddisponi li:

"(i) il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha…hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib;

"(ii) is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, x-xorta u grad ta' inkapacita ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

"Inkluz, ghalhekk, fl-artikolu citat hemm kemm il-lukri cessanti u d-danni emergenti konsistenti f'ta' l-ewwel mit-telf effettiv u fit-tieni f'dik is-somma sabiex taghmel tajjeb ghat-telf futur stabbilita fid-diskrezzjoni tal-Qorti pero' u f'kull kaz tenut kont ix-xorta u l-grad ta' inkapacita ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara, u dan fost konsiderazzjonijiet ohra dipendenti mic-cirkustanzi tal-kaz.

"Illi huwa ben risaput li evolviet gurisprudenza kopjuza dwar il-metodu adottabbli fil-likwidazzjoni tal-lukri cessanti istigat mill-kawza 'Butler –vs- Heard' li tghat origini ghal dak li hu maghruf bhala l-'*multiplier system*' li fiha l-qliegh annwali tal-korrut jigi multiplikat bis-snin tal-hajja lavorattiva bazata fuq il-'life expectancy' tieghu mizjud b'ghoxrin fil-mija ghall-inflazzjoni u nieqes ghoxrin fil-mija tar-rizultat totali in vista tal-pagament f'daqqa. Issa, nonostante l-kritika, xi drabi anke harxa, li l-metodu gie assoggettat, din il-Qorti, in linja ta' massima u bl-innovazjonijiet li gew introdotti fih, taqbel li ghandu jintuza

bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut. Inghad dan huwa f'loku li jigi puntwalizzat li l-grad tal-percentwali tad-disabilita', jigifieri kemm dik fizika u kemm dik psikologika, giet kumulata b'dan li l-percentwali ta' disabilita' totali tinsab iffissata fil-percentwali ta' hamsa u erbghin fil-mija li, kollox ma' kollox, ghandha tikkostitwixxi bazi gusta u ekwa ghal kull telf soffert mill-attur inkluz telf ta' xoghol 'part time' u telf ta' profitt, dato ma non concesso, li l-attur hu intitolat ghal dawn l-ahhar zewg fatturi billi ghal dak li hu telf ta' xoghol 'part time' il-provi huma insufficenti u ghal dak li jikkoncerna telf ta' profitt sostnut fuq li l-attur ma setax ikompli jizviluppa kemm il-korp ta' appartamenti u xi art adjacenti ftit jew xejn il-Qorti issib ness bejn l-incident u t-telf allegat. It-telf se mai huwa hawnhekk kalkolabbli fuq ix-xoghol li kien jikkontribwixxi l-attur u xejn aktar. Tabilhaqq il-Qorti mhux qeghdha taghmel u ghandha thares li tevita li taghmel ezercizzju spekulattiv u ghalhekk l-attur huwa u ser jigi ekwament kompensat fil-konsiderazzjoni tal-percentwali mil-lat psikologiku maghduda ma' dik il-percentwali ta' disabilita' mil-lat fiziku. Diversament, fil-fehma ta' din il-Qorti, ikun hemm l-arrikkiment indebitu li mhux permess u li ghalih l-attur certament mhux intitolat. Jekk ix-xoghol fuq l-appartamenti ma tkompliex u l-art ta' hdejhom ma gietx zviluppata kienet decizjoni ta' l-attur apparti li hu ben risaput illi b'daqstant l-akkrexximent tal-valur tal-art ma sofra xejn anzi l-kuntrarju.  F'lokha wkoll hi l-osservazzjoni tal-perit legali li "hu difficili biex temmen illi bniedem wahdu, jistinka kemm jistinka fix-xoghol tieghu u minkejja illi forsi jiddedika hajtu kollha ghall-holqien ta' gid materjali ghalih innifsu, jista' jasal biex iwettaq l-ammont ta' xoghol imsemmi mill-attur fl-affidavit tieghu".

"Illi ghal dik li hi likwidazzjoni tal-lukri cessanti jirrizulta li l-attur kellu 31 sena meta safa' korrut. Kien impjegat governattiv mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet bis-sengha ta' 'building tradesmen 2' u kien f'dak iz-zminijiet ittermina kors ta' 'draughtsman' li kien jintitolah li jkun promoss 'works technical officer' fl-istess dipartiment, kariga, li eventwalment beda jokkupa fl-20 ta' Mejju 1991, jigifieri

tliet snin wara l-incident, b'paga ta' tlett elef erba' mija u erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm3444) fis-sena li kienet tizdied ghal tliet elef sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm3692) fis-sena. Mehud in konsiderazzjoni li l-medja ta' introjtu mill-impieg ghas-sitt snin minn 1988 san-1993 kien ta' elfejn seba' mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm2752) (dok.X13 – folio 180), izda li kif ben osserva l-abbli perit legali, li l-attur tilef "promotion" li probabbilment kien jirnexxilu jakkwista kieku ma kienx ghall-incident, u fejn allura l-paga fis-sena 1993 kienet tilhaq madwar tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Lm3800) fis-sena, din il-Qorti hi tal-fehma li l-figura ta' l-introjtu ghall-finijiet tal-likwidazzjoni ghandha tkun tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3500) u hawnhekk qeghdha tiddipartixxi mis-somma li giet kalkulata mill-perit legali anke minhabba li din il-Qorti sejra tiehu u tahdem fuq is-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-attur, jigifieri 30 sena u hi tal-fehma, kif fuq jinghad, li l-percentwali ta' disabilita' kalkolata ghall-finijiet ta' disabilita' psikologika hi kumpens bizzejjed ghal kull eventwali telf iehor. Ghalhekk u ghal finijiet ta' lukri cessanti ser tadotta fl-infraskritt kalkolu: tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) multiplikat b'30 multiplikat b'45 fil-mija li jekwivali ghas-somma ta' sebgha u erbghin elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm47,250).

"Illi ghal dak li huma d-danni emergenti l-Qorti ma tirriavviza ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tal-abbli perit legali. Qeghdha kwindi tistabbilihom fis-somma ta' disat elef seba' mija u disgha liri Maltin (Lm9709) u konsegwentement qeghdha tadotta *in toto* l-osservazzjonijiet kontenuti fir-relazzjoni, imfissra a folio 118 sa 121.

"Illi ghal dak li huwa tnaqqis tal-20 fil-mija bhala "lump sum payment" il-Qorti jidrilha li m'ghandhiex tikkunsidra biss it-tul tal-proceduri izda ghandha tindaga r-ragunijiet ghal dan it-tul. Kif ben tajjeb sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' intervenuta fil-kawza d-dewmien inordinat jahti ghalih l-attur b'daqstant li ghandu jbati l-konsegwenzi u jsofri d-deduzzjoni tal-20 fil-mija. Ghalhekk is-somma li ser tigi likwidata u li effettivament qeghdha tigi likwidata favur tieghu konsegwenza tal-

incident hi: sebgha u erbghin elf, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm47,250) in linja ta' lukri cessanti mizjuda bis-somma ta' disat elef seba' mija u disgha liri Maltin (Lm9709) ghad-danni emergenti nieqes l-20 fil-mija bhala 'lump sum payment' ghal total ta' hamsa u erbghin elf, hames mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm45,567).

"Ghaldaqstant tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attur, u:

(1) tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza u ghad-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur;

(2) tillikwida l-istess danni fis-somma ta' hamsa u erbghin, elf hames mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm45,567).

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

"Konsegwentement tichad kemm l-eccezzjonijiet u kemm it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro talba bl-ispejjez kollha a karigu tieghu u tikkundannah wkoll ghall-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sa l-effettiv pagament."

## <u>L-APPELL TA' L-ATTUR</u>

2. L-attur hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk interpona appell minnha ghal fini ta <u>riforma</u> billi talab li, filwaqt li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti mis-sentenza rigwardanti responsabbilta` (jigifieri li l-htija ta' l-incident <u>*de*</u> <u>*quo*</u> hija tal-konvenut appellat) din il-Qorti invece ghandha "tvarja u tbiddel is-sentenza billi tilqa' s-sottomissjonijiet ta' l-attur rigwardanti l-kwantum u ghalhekk tilqa' l-appell….. . u tvarja u tbiddel is-somma hekk likwidata bl-ispejjez kontra l-attur u tikkonferma dik il-parti l-ohra tas-sentenza." Apparti l-mod pjuttost ingarbuljat li bih giet redatta din it-talba ghal fini ta' riforma u l-ghadd esagerat ta' kliem miktub zbaljatament (korrett mill-Qorti ghall-fini ta' praticita`), huwa evidenti li l-attur

mhux sodisfatt bil-*quantum* tad-danni li gew likwidati u qieghed jitlob zieda f’dana l-ammont ghal diversi ragunijiet li ser jissemmew aktar ’il quddiem.

**IR-RISPOSTA TA’ L-APPELLATI**

3.1. Jirrizulta li saru zewg risposti ta’ appell, jigifieri wahda mill-Avukat Dottor Michael Caruana nomine u l-ohra mis-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited, li b’nota ulterjuri (ara fol. 24, atti ta’ l-appell) hija “assumiet l-atti ta’ din il-kawza”. F’dawn iz-zewg risposti, l-appellati isostnu li fil-meritu l-ewwel sentenza timmerita konferma. Jigi rilevat li ma gie interpost ebda appell incidentali minn xi wiehed mill-appellati.

3.2. Minbarra s-suespost pero`, l-avukat Dottor Michael Caruana preliminarjament eccepixxa wkoll li gej:
“Illi in linea preliminary (sic!), l-appell odjern huwa irritu u null in kwantu l-attur naqas li jiccita korrettement l-okkju. B’mod partikolari, imkien fl-appell ma hemm xi riferenza ghall-fatt li l-esponent gie mahtur bhala kuratur deputat ta’ l-assenti Carmel Attard.

“Minghajr pregudizzju ghall-premess, imbaghad, is-sentenza hija gusta u timmerita li tigi konfermata ….. bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant”.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

4.1. Jigi rilevat illi dan il-pregudizzjal preliminari ta’ l-appellat Dottor Caruana nomine gie irtirat minn Dr. Anton Refalo fis-seduta ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Frar 2006 fejn gie verbalizzat illi:
“Dr. Anton Refalo ghall-appellat Carmel Attard jirtira l-eccezzjoni preliminari tieghu dwar l-irritwalita` u nullita` tar-rikors ta’ l-appell minhabba li l-istess rikors ma jaghmilx referenza korretta ghall-atti tal-kawza.”

Jinghad, pero’, li fi kwalunkwe kaz hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi bil-fatt wahdu li l-okkju tal-kawza ma giex riportat kif suppost da parti ta’ l-attur appellant fir-rikors ta’ appell,

dan in-nuqqas ma ghandux necessarjament iwassal ghan-nullita` ta' l-appell. Jidher evidenti li l-konvenut proprio kien Carmel Attard u li kwalsiasi imprecisazzjoni li setghet tnizzlet fl-okkju tar-rikors ta' appell hija dejjem suggetta ghall-korrezzjoni, u flok ma tigi invokata n-nullita` kien ikun ferm ahjar li l-tintalab li ssir debita korrezzjoni fl-okkju tar-rikors.

4.2. Minbarra dan, il-Qorti ma tistax tifhem kif l-istess Dottor Caruana qieghed jitlob li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi kkonfermata – fejn l-ispejjez huma a kariku tal-konvenut u mhux ghall-attur (i.e. l-appellant) – u fl-istess waqt jghid li l-appell ta' l-attur ghandu jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur. Evidentement jew si tratta hawn ta' lapsus, jew inkella dan l-appellant ghazel li jitlob xi haga – bla ma sar appell dwarha pero` - li tmur bil-maqlub ta' dak li espona fit-twegiba tieghu ghall-appell interpost. Fi kliem iehor, li kieku l-ewwel sentenza kellha tigi kkonfermata, kif qieghed jawspika l-imsemmi Dottor Caruana, din il-Qorti ma tkunx tista' fl-istess waqt tikkundanna lill-attur appellant ihallas l-ispejjez taz-zewg istanzi, imma se mai dawk biss relativi ghal dina l-istanza, kif korrettement wiegbet is-socjeta' appellata l-ohra, jigifieri l-Atlas Insurance Limited, intervenuta fil-kawza.

**L-AGGRAVJI TA' L-ATTUR DWAR IL-"QUANTUM"**

5.1. Kif gia` gie osservat supra, l-attur m'huwiex jaqbel mal-mod dwar kif id-danni gew kalkolati u likwidati mill-ewwel Qorti, u dana kemm fir-rigward tal-*lucrum cessans*, kif ukoll fir-rigward tad-*damnum emergens*.

5.2. F'termini aktar partikolari, l-attur
(i) m'hu jaqbel xejn dwar kif, fil-fehma tieghu, l-ewwel Qorti "skartat kompletament" milli tikkunsidra li "fis-sena 1993 hames snin biss wara l-incident, l-esponenti kien ser ikollu introjtu ta' Lm3,800 u ghalhekk ghal hamsa u ghoxrin (25) sena zgur li kien ser ikollu dan l-introjtu ta' Lm3,800", oltre s-somma ta' Lm200 ghal xoghol 'part-time'. Ghalhekk jissottometti li ghal fini ta' *lucrum cessans*, dan kellu jinhadem hekk:
Lm4,500 (pagi) X 30 sena X 45% dizabilita` = Lm60,750.

(ii) fit-tieni lok, l-attur jillanja mill-fatt li l-ewwel Qorti skartat ukoll ghal kollox l-ahhar lista ta' spejjez medici attwalment mehtiega minnu in linea ta' kura fil-gejjieni li hu jkollu jiehu u jhallas ghaliha. L-appellant jissottometti li ressaq provi sufficjenti, bla ma gie kontradett, li juru li jinhtieglu jonfoq annwalment ta' lanqas is-somma ta' Lm1,791. Ghalhekk, l-ewwel Qorti kien messha wkoll, addizzjonalment, illikwidatlu din is-somma ta' Lm1,791 ghal tletin darba (rapprezentanti tletin sena 'multiplier'), liema ezercizzju jwassal ghall-ammont extra ta' Lm53,730.

(iii) l-appellant lanqas jaqbel li l-ewwel Qorti kellha f'dan il-kaz tapplika tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija (20%) fuq l-ammont likwidat minhabba hlas "lump sum". Jissottometti li n-nomina ta' periti addizzjonali ma saritx fuq talba tieghu u jekk kien hemm dewmien ghal fini ta' ezitu, hu ma kienx jahti ghalih. Isostni wkoll li l-ewwel perit lanqas kien tal-fehma li kellu jsir tnaqqis minhabba "lump sum payment".

6.1. Din il-Qorti tibda billi fl-ewwel lok tirrileva l-perplessita` profonda taghha ghall-mod tassew bizzarr li bih giet kondotta l-indagni mill-ewwel Qorti biex finalment din stabbiliet il-*quantum* tad-danni dovuti, u dan specifikatament ghal dik il-parti relativa ghad-dizabilita` psikiko-fizika li allegatament sofra l-appellant in konsegwenza ta' l-incident *de quo*. Minn ezami tal-provi jidher evidenti li l-esperti medici, kemm dawk li kkontribwew biex tigi pprezentata l-ewwel relazzjoni, kif ukoll iz-zewg periti medici fit-tieni relazzjoni (jigifieri dik addizzjonali), naqsu milli jikkonsidraw id-dizabilta` permanenti sofferta mill-attur *quid unum*. Minflok gara li nhargu zewg percentwali differenti, wiehed li kopra l-aspetti purament fizici ta' l-attur u iehor li kopra l-aspetti psikici, biex imbaghad fl-ahhar, fiz-zewg perizji msemmija, dawn iz-zewg percentwali gew maghdudin flimkien u nhareg percentwal wiehed kumulattiv. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dana kien ezercizzju mhux biss skorrett imma wkoll wiehed perikoluz. Bizzejjed jinghad illi li kieku kellu jigi segwit jista' anki potenzjalment iwassal biex tigi stabbilita rata ta' dizabilita` f'percentwal li jkun jeccedi l-

100%. Fi kliem iehor, kwalunkwe ezami mediku kondott fuq individwu li jkun qieghed isofri minn aktar minn dizabilita` wahda ghandu dejjem u f'kull kaz iqis l-istess individwu bhala entita` wahda u mhux jispezzettah f'kompartimenti separati u johrog percentwal ghal kull tip ta' dizabilita` riskontrata. Fil-fatt kemm il-Qorti ta' l-ewwel grad u anke d-difensuri legali tal-partijiet (hekk, per ezempju, ara d-domandi in eskussjoni maghmulin lill-espert psikjatra (a fol 311 tal-process), jidher bic-car li dan in-nuqqas serju innutawh, madanakollu jibqa' l-fatt ma giex rettiffikat. Minbarra dan, deher ukoll nuqqas iehor serju fil-mod kif il-periti perizjuri (tnejn fin-numru) ikkonducew il-perizja taghhom, partikolarment dik psikjatrika. Apparti li kull wiehed miz-zewg esperti medici hadem ghal rasu bla ma kkonsulta wiehed ma' iehor (!), jidher li l-attur sarlu ezami minghajr ma gie pprestat lilu gurament. Bizzejjed jinghad li l-espert psikjatriku ghamel sensiela ta' domandi lill-attur u a bazi tar-risposti moghtija, u f'temp ta' madwar siegha kollox, l-istess perit mediku wasal biex stabbilixxa percentwal ta' dizabilita` psikika ta' 20%. Huwa minnu li dan l-espert mediku kellu wkoll quddiemu l-"case history" ta' l-attur, imma certament ma kien hemm xejn x'josta milli z-zewg relaturi jikkomunikaw bejniethom u johorgu rapport wiehed, u dan ukoll wara li l-kontroparti konvenuta tinghata l-fakolta` li taghmel is-sottomissjonijiet taghha wkoll. Wara kollox, kien fuq talba taghha li l-ewwel Qorti dehrilha opportun li tinnominahom. Din il-Qorti ghandha s-setgha li bhala Qorti ta' Revizjoni thassar dak kollu li sar hazin, izda fil-kaz in ezami hija ma thossx li ghandha tiehu l-estremi li tirrigetta r-relazzjonijiet peritali u tibghat lura kollox mill-gdid quddiem l-ewwel Qorti u dana, fost ohrajn, ghar-ragunijiet segwenti,

(i) il-kaz in ezami jirreferi ghal incident li sehh fl-1988, u fil-qaghda li jinsab fiha l-attur, kull dewmien jista' jservi biss biex jigi kkawzat aktar dannu;

(ii) il-konvenuti appellati ma intavolaw ebda appell u dehru propensi li jaccettaw il-likwidazzjoni kif saret;

(iii) l-attur appellant lanqas m'hu qieghed jillanja minn dik il-parti tad-decizjoni li stabbiliet percentwal ta' dizabbilita` ta' hamsa u erbghin fil-mija (45%).

6.2. Nigu issa ghall-ewwel aggravju, fejn l-attur jidhirlu li l-bazi ghall-fini
tal-“multiplier” biex jigi stabbilit il-“lucrum cessans” kellu jinhadem fuq ammont superjuri minn dak li fuqu kkalkolat l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti, di fatti, ibbazat il-“lucrum cessans” fuq telf ta’ qliegh annwu fl-ammont ta’ Lm3,500, filwaqt li l-attur jidhirlu li l-bazi kellha tkun ta’ l-anqas fis-somma ta’ Lm4,500 per annum, u li allura jwassal ghas-somma ta’ Lm60,750.00c. Taht dan l-aspett, l-attur isemmi, per via ta’ gustifikazzjoni, ix-xoghol “part-time” fis-sengha tal-kostruzzjoni li jghid li kien jaghmel u t-telf, fi flus, li sofra, billi “ma setax ikompli jibni l-flats fuq l-art tieghu”.

6.3. Wara li qieset dan l-aggravju, din il-Qorti hija tal-fehma li, kif del resto irrimarkat il-kontroparti appellata, dak li qieghed jintenta jaghmel l-attur hu ezercizzju sfrenat biex jawmenta l-ammont ta’ danni likwidati. Ibda biex hu ferm skorrett li wiehed jghid li l-ewwel Qorti “skartat kompletament” id-diversi punti dwar danni li tressqu da parti ta’ l-attur ghall-konsiderazzjoni taghha. Ghal kuntrarju, l-ewwel Qorti qaghdet ferm attenta li fil-kalkoli taghha hija tikkunsidra wkoll il-probabbilita` ta’ promozzjoni fuq il-post tax-xoghol da parti tad-danneggjat b’salarju awmentat. Huwa minnu li l-ewwel perit hadem fuq sena bazi ta’ Lm3,800, u mhux ta’ Lm3,500, imma tajjeb jinghad ukoll li filwaqt li l-ewwel perit hadem fuq multiplier ta’ hamsa u ghoxrin sena hajja lavorattiva, (li fil-fehma ta’ din il-Qorti kien l-aktar wiehed propizju), l-ewwel Qorti ghazlet li taddotta multiplier oghla ta’ tletin (30) sena, li fil-fehma ta’ din il-Qorti kien wiehed kemmxejn eccessiv. L-istess attur donnu nesa’ li fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu li pprezenta quddiem l-ewwel Qorti kien irrimarka hekk (ara para 3, a fol. 324 tal-process)
“Illi l-esponent (i.e. l-attur) jaqbel ukoll mal-konkluzzjonijiet tal-perit gudizzjarju fejn ikkonkluda illi z-zmien ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena ghandu jkun iz-zmien sabiex jigi stabbilit fuq kemm ghanda tinhadem is-somma stante l-eta` zghira ta’ l-esponenti”.

Jidher ovvju li meta l-ewwel Qorti giet biex twiezen konsiderazzjoni ma' ohra, hija dehrilha opportun li darba li hija kienet ser tirriduci l-ammont ta' qliegh annwu bhala punt ta' tluq, hija htegilha tawmenta l-"multiplier". Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien ikun aktar jaqbel li ma ntaghzilx dan il-perkors, imma kif gia` intqal supra, iz-zewg nahat jidhru li accettaw dan il-"multiplier" mifrux fuq tletin sena.

6.5. Bl-istess mod jinghad li kien skorrett l-appellant meta ssottometta li l-ewwel Qorti warrbet ghal kollox il-"provi" tieghu dwar qliegh minn xoghol "part-time". Bil-maqlub, l-ewwel Qorti kienet kategorika hafna meta qalet espressament fil-korp tas-sentenza li, mehud in konsiderazzjoni "kollox ma' kollox", kompriz il-percentwal kumulat ta' 45% ghal fini ta' dizabilita`, il-bazi ta' qliegh maghzula minnha kienet wahda "gusta u ekwa ghal kull telf soffert mill-attur inkluz telf ta' xoghol "part-time" u telf ta' profitt. L-ewwel Qorti ghamlitha inoltre cara – u din il-Qorti tikkondividi l-istess fehma – li, fuq kollox, fir-rigward ta' qliegh minn xoghol 'part-time' "il-provi huma insufficjenti u ghal dak li jikkoncerna telf ta' profitt sostnut fuq li l-attur ma setax ikompli jizviluppa kemm il-korp ta' appartamenti u xi art adjacenti ftit jew xejn il-Qorti ssib ness bejn l-incident u t-telf allegat". Anzi l-ewwel Qorti marret oltre u rriferiet ghal kumment li kien sar mill-perit legali jigifieri li "hu difficli biex temmen illi bniedem wahdu …….. jista' jasal biex iwettaq l-ammont ta' xoghol imsemmi mill-attur fl-affidavit tieghu". Kull kumment iehor ikun superfluwu u ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

7.1. Dwar it-tieni aggravju, din il-Qorti tibda billi tosserva li l-attur donnu ghandu konfuzjoni f'mohhu bejn dak li hu strettament damnum emergens u minn dak li hu lucrum cessans. Mhux kuntent bl-ammont likwidat mill-ewwel Qorti bhala lucrum cessans kif ipprogettat u kkalkolat fuq "multiplier" gholi ta' tletin sena hajja lavorattiva u percentwal ta' dizabilita` kumulattiva ta' 45%, l-attur ghadu jinsisti li huwa jinhtieglu ikopri kura futura, konsistenti fi spejjez ta' tobba u medicini, li fuq bazi ta' Lm1,791.37c per annum, qieghed jippretendi s-somma addizzjonali ta' Lm53, 730, in aggunta ta' l-ammont l-iehor.

7.2. Bir-rispett kollu, fil-fehma ta’ din il-Qorti, din ic-cifra astronomika in linea ta’ danni m’hijiex wahda gustifikata. Apparti r-ricevuti skarsi prodotti mill-attur taht dan l-aspett u li dwarhom hemm kummenti ferm opportuni mill-perit legali (ara fol. 118-121 tal-process, u li ghalihom ghamlet ukoll accenn l-ewwel Qorti), din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li meta l-ewwel Qorti kkoncediet lill-attur l-ammont ta’ Lm9,709 biex jaghmel tajjeb ghal din il-kontingenza medika futura, in aggunta naturalment ma’ l-ammont l-iehor likwidat, l-ewwel Qorti kienet indulgenti bizzejjed ma’ l-attur u li r-reklam tieghu ghal hlas ta’ danni taht dana l-aspett gie indirizzat tajjeb u adegwatament mill-ewwel Qorti. Ghalhekk dan it-tieni aggravju qieghed jigi similment respint.

8.1. It-tielet aggravju jirreferi ghat-tnaqqis ta’ ghoxrin fil-mija mill-ammont likwidat. L-attur deherlu li ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghal tali tnaqqis, u dan ukoll ghall-fatt li hu ma kien jahti xejn ghad-dewmien li gie kkawzat wara n-nomina tal-periti perizjuri wara talba _ad hoc_ min-naha konvenuta u l-intervenuta fil-kawza.

8.2. Dwar dana l-aggravju din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li ma hemmx lok ta’ disturb tad-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti taht dana l-aspett. L-ewwel Qorti ghamlitha cara li ghal dan id-dewmien kien hemm anke l-kontribuzzjoni, ankorke` involontarja, ta’ l-attur innifsu. Minbarra dan, kien hemm sensiela ta’ nuqqas ta’ kordinament bejn il-Qorti u dak li kien mistenni jsir mill-periti perizjuri. Mill-bqija, il-kontroparti konvenuta u s-socjeta` intervenuta fil-kawza kellhom kwalsiasi dritt – moghti lilhom bil-ligi stess – li jitolbu n-nomina ta’ periti addizzjonali, bhalma del resto kellu dritt li jappella l-attur – fatt pero` li sfortunatament kompla ddilunga sew dawn il-proceduri. Ghalhekk isegwi li dan it-tielet aggravju qieghed jigi respint ghax huwa infondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ l-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dana li l-ispejjez relattivi ghal dana l-appell jibqghu unikament a kariku ta’ l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------